MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2014

Numru. 303/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Kevin Borg**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Kevin Borg ta’ 24 sena, iben George u Maria Assunta nee` Bonnici, imwieled Pieta`, residenti 149, Old Mint Street, Valletta u detentur tal-karta tal-identita` numru 468282M

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-13 ta’ Settembru 2006, u fil-jiem ta’ qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) Talli minghajr l-awtorita` legittima dahhal jew ppruva jdahhal f’xi parti tal-konfini ta’ habs, medicina (eroina) li hija medicina perikoluza skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta’ Malta.

   Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, titratta mal-imputat Kevin Borg talli huwa recidiv b’sentenza datata 9 ta’ Gunju 2006, moghtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D., fejn l-imputat kien gie kkundannat piena karcerarja ta’ tnax-il xahar habs.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta’ Lulju 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti, kif presjeduta, milli terga’ tisma’ l-provi mressqa quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta, sa dakinhar;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll l-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2011, xehed l-Ispettur Dennis Theuma, li qal illi fit-13 ta' Settembru 2006, ghall-habta tas-7.00 p.m., waqt li CO10 Charles Cachia kien qed jaghmel ronda fid-Divizjoni 13, gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, huwa nnota lill-imputat b'xi *foil* f'idejh u *lighter*, f'liema *foil* allegatament kien hemm xi sustanza kannella f'forma likwida. L-Ispettur li dak iz-zmien kien stazzjonat fl-Ghassa ta' Rahal Gdid, Jesmond Borg, informa b'dan lill-Magistrat tal-Ghassa, Dr. Giovanni Grixti, li nnomina esperti biex jghinuh fl-investigazzjoni relattiva.[1] Fil-fatt mill-*proces verbal*, jirrizulta illi l-Magistrat Inkwerenti kien innomina lill-Ispizjar Mario Mifsud bhala espert forensiku sabiex jezamina s-sustanza misjuba, u lill-Ispettur Dennis Theuma sabiex izomm access u jistabilixxi l-fatt rilevanti.[2]

L-Ispettur Theuma xehed illi huwa kien kellem lill-imputat u kien hadlu stqarrija gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, fil-presenza ta' PC 47 Chris Frendo. L-istqarrija ttiehdet fil-21 ta' Settembru 2006, u dan wara li l-imputat kien inghata s-solita twissija. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat innega li kien qieghed jabbuza jew illi kien ser jabbuza mid-droga fit-13 ta' Settembru 2006.[3]

---

[1] Xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma, a fol. 34 tal-process.
[2] *Proces verbal*, a fol. 6. Il-*proces verbal* jinsab a fol. 29 tal-process.
[3] Xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma, a fol. 35 tal-process.

Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2011, xehed PS 1257 Conrad Ellul li qal illi fit-13 ta' Settembru 2006, ghall-habta tas-6.45p.m, kien gie infurmat mill-awtoritajiet tal-habs illi kienu sabu xi haga suspettuza. Huwa mar il-habs u tkellem ma' SCO 10, Charles Cachia, li qallu li huwa kien qed jaghmel ronda gewwa l-habs u kellu suspett illi wiehed mill-prigunieri kien qed jaghmel xi haga llegali. Kif resaq lejn cella hdax, fid-divizjoni tlettax, liema cella dak iz-zmien kienet okkupata mill-imputat, huwa fetah il-bieb tac-cella u ra lill-istess imputat jahraq trab kannella fuq bicca *foil*. Ix-xhud qal illi l-*foil* inzammet mill-awtoritajiet tal-habs u huwa nforma lill-Ispettur Jesmond Borg b'dan kollu.[4]

Ix-xhud qal ukoll illi huwa ma tkellimx mal-imputat u pprezenta r-rapport dwar din is-sejba.[5] Il-fatti li xehed dwarhom l-istess xhud jirrizultaw ukoll mir-rapport ipprezentat minnu.[6]

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fil-21 ta' Settembru 2006[7], l-imputat innega illi huwa kien qed jahraq l-eroina fuq il-*foil* gewwa c-cella tieghu fit-13 ta' Settembru 2006. Mistoqsi jekk kienx minnu illi meta dahal fuqu l-Maggur Cachia, dan sablu bicca *foil* b'xi likwidu fuqha u *lighter* li kien qed juzaha biex jahraq biha, hu wiegeb illi f'idejh ma kellu xejn. L-imputat qal illi kienet instabet bicca *foil* fuq it-tieqa ta' barra u li din giet murija lilu mill-Maggur Cachia. Mistoqsi kif il-*foil* spiccat fuq it-tieqa tax-*shaft*, l-istess imputat qal illi l-cella tieghu qeghda isfel nett u li fuq ic-cella tieghu, hemm twieqi ta' celel ohrajn. Skond l-istess imputat, jista' jkun li l-*foil* waqghet minn go xi cella ohra. Huwa qal ukoll illi zgur illi din il-*foil* ma poggiha hadd, ghaliex hu kellu c-cwievet tac-cella u kien isakkar meta johrog. L-imputat spjega illi t-tieqa tieghu ghandha l-hgieg u gradilja tal-hadid. Qal ukoll illi gieli halla l-kamra tieghu miftuha meta hu ma jkunx fiha.[8] L-imputat qal illi huwa kien ilu l-habs ghal xi erba' xhur u li kemm kien ilu l-habs, huwa qatt ma ha droga. Huwa qal ukoll illi dak iz-zmien huwa ma kellux il-vizzju tad-droga. L-imputat rega' nnega illi

---

[4] Xhieda ta' PS 1257 Conrad Ellul, a fol. 39 u 40 tal-process.
[5] A fol. 40 tal-process.
[6] Dan ir-rapport jinsab esebit a fol. 42 sa 44 tal-process.
[7] A fol. 2 u 3 tal-process.
[8] A fol. 2 tal-process.

huwa kien qed jahraq l-eroina fuq il-*foil* u qal li ma kienx jiehu *methadone*. L-imputat innega wkoll dak suggerit lilu fis-sens illi hekk kif huwa nduna illi l-Maggur kien gej fuqu, huwa tefa' l-*foil* fuq il-hogor tat-tieqa. Qal ukoll illi ma jistax ikun illi l-Maggur rah ipoggi l-*foil* fuq il-hogor tat-tieqa.[9]

Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2011 xehed ukoll l-Ispizjar Mario Mifsud illi qal illi l-esebit kien ghadu ghand l-ex Spettur Jesmond Borg u li sa dakinhar kien ghadu ma giex mghoddi lilu.[10]

Fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2013, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi dan il-kaz kien gie investigat mill-ex Spettur Jesmond Borg. L-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara wkoll illi huwa kien mar personalment gewwa l-Ghases ta' Bormla u ta' Rahal Gdid, u kellem personalment kemm lill-ex Spettur Jesmond Borg, kif ukoll lill-Ispetturi prezenti tal-Ghases imsemmija u dan sabiex jipprova jsib l-esebit in kwistjoni. L-ex Spettur Jesmond Borg infurmah illi ma kienx jaf x'sar mill-istess esebit. Ghalhekk l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi tenut kont tal-fatt illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat ma ghamel l-ebda ammissjoni ta' htija u tenut kont ukoll illi l-prosekuzzjoni ma kellhiex evidenza ohra relevanti ghal din il-kawza, l-istess prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha bil-konsegwenzi legali li tali gheluq igib mieghu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi apparti illi ma ngabitx prova cara dwar fejn effettivament instab il-*foil* bis-sustanza suspettata eroina fic-cella tal-imputat, ghaliex il-Maggur Cachia baqa' ma xhedx f'dawn il-proceduri, izjed minn hekk din l-istess *foil* ma gietx esebita la fl-istadju tal-inkjesta u lanqas f'dawn il-proceduri, ghaliex kif spjega l-Ufficjal Prosekutur, l-ex Spettur Jesmond Borg li originarjament kien ha hsieb din l-

[9] A fol. 3 tal-process.
[10] Xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud, a fol. 45 tal-process.

investigazzjoni, ma kienx jaf x'sar mill-esebit. Ghalhekk lanqas ma setghu isiru l-analizi forensici fuq l-imsemmija sustanza jew fuq il-*foil* imsemmi mill-espert li kien gie mahtur ghal dan il-ghan fil-kors tal-inkjesta relattiva dwar dan il-kaz.

Konsegwentement, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-izjed prova importanti ossia illi l-*foil* misjuba fic-cella tal-imputat kienet fil-fatt tikkontjeni d-droga eroina. Il-Prosekuzzjoni ghalhekk naqset milli tipprova l-kaz taghha sodisfacentement sal-grad rikjest mil-ligi ossia lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Naturalment la darba din il-Qorti mhijiex qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) kif dedotti kontra tieghu, lanqas ma tista' ssibu hati talli huwa recidiv.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda ssib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------